Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10

Data tal-laqgħa: 28 ta' Jannar 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dott. Angelo Micallef – Viċi Sindku
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dott. Oliver Nicholas De Gaetano

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Stephen Gatt – Kunsillier

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

10.1.1 Is-SE ressqet l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Stephen Gatt fejn infurma li ma setax jattendi għal-laqgħa. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

## 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

10.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti ta' Laqgħa Numru 8, Laqgħa Urġenti Numru 9 u Laqgħa tal-Lokalita' Numru 2. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

10.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Mary Louise Briffa, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 10.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

10.3.1 Para 8.4.8 - Ġemellaġġi
Is-Sindku staqsa jekk irċivejniex risposta mingħand is-Sindki ta' Pedara u Ficarra dwar jekk humiex interessati jingħaqdu f'ġemellaġġ mal-Kunsill. Is-SE wieġbet fin-negattiv u ser terġa' tibgħat l-aħħar *reminder.* Dan l-*item* ser jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

10.3.2 Para 8.4.9 - Kappelli ta' Triq it-Tliet Knejjes
Is-Sindku staqsa jekk ircivejniex risposta mingħand il-Kurja dwar l-ittra lill-Kunsill kien bagħat fuq il-Kappelli ta' Triq it-Tliet Knejjes. Is-SE wieġbet fin-negattiv u ser terġa' tibgħat *reminder.*

10.3.3 Para 8.8 – Librerija Miftuħa
Dwar il-kotba ġodda li l-Kunsill kien xtara għal-librerija, il-Viċi Sindku irrimarka li dawn huma kollha tal-qari u mhux kotba li tista' tagħmel riċerka fuqhom. Għalhekk issuġġerixxa li, għall-ewwel nibdew bil-kotba wżati, u jekk naraw li qed jiġu rritornati lura, nużaw il-kotba l-ġodda wkoll. Il-Kunsill qabel.

10.3.4 Para 8.3.7 – *Active Ageing Sessions*
Il-Viċi Sindku staqsa jekk irċivejniex risposta mill-Kunsill Lokali Iklin. Is-SE infurmat li waslet ir-risposta uffiċċjali li aċċettaw li jiġu organizzati b'kollaborazzjoni magħhom, però għadha qed tistenna data meta ser issir il-laqgħa bejn membri mill-Kunsill Lokali Ħal Balzan u Iklin. Il-Viċi Sindku se jagħmel kuntatt mas-Sindku tal-Iklin.

10.3.5 Para 2.4.15 (Laqgħa tal-Lokalità) – Servizz għall-Anzjani
Dwar l-iskema li ġiet varata mis-Segretarjat tal-Anzjanità Attiva, fejn l-anzjani ta' Birkirkara u l-Mosta jistgħu jibbukkjaw biex jieħdu d-demm fid-dar tagħhom minflok imorru l-berġa, Il-Kunsillier Mary Louise Briffa infurmat li għaddejjin taħdidiet biex possibilment din l-iskema tiġi varata f'Ħal Balzan minn Marzu 2020.

## 10.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

10.4.1 *Magazine* ippubblikat minn Balzan Youths FC
Is-Sindku ppreżenta kopja tal-*magazine* lill-Kunsilliera u lis-SE. Parti mill-ispiża biex ġie stampat dan il-*magazine* ser tiġi mħallsa mill-Kunsill Reġjonali Ċentru permezz ta' Skema Finanzjarja 2/2019. Balzan Youths FC irringrazzjaw lill-Kunsill u l-Kunsill Reġjonali Ċentru tal-għajnuna.

10.4.2 *Litter Bins*
Is-Sindku staqsa jekk waslux il-*litter bins* li ġew ordnati f'Novembru. Is-SE infurmat li dawn għandhom jaslu fil-bidu ta' Frar.

10.4.3 Sit ta' kostruzzjoni fi Triq il-Kbira
Is-Sindku rrimarka li, issa li nbena l-ewwel sular tal-binja maġenb il-Każin Marija Annunzjata, il-*boundary wall* jista' jitneħħa u jerġu' isiru l-*parking bays* faċċata. Il-Kuntrattur ser jiġi infurmat biex ineħħi l-*boundary*

*wall* u jsiru l-*parking bays.*

10.4.4 Plakka tar-ram fi Triq il-Barriera k/m Triq Santa Marija

Is-Sindku infurma li din il-plakka intbagħatet għand kumpanija biex tkun tista' tinħareġ kwotazzjoni biex titnaddaf. Il-kwotazzjoni ġiet għolja ħafna. Kien hemm qbil li nġibu kwotazzjonijiet oħra għat-tindif tal-plakka, kif ukoll kwotazzjoni biex issir tal-perspex.

10.4.5.1 Triq Annibale Preca

Is-Sindku irrefera għax-xogħlijiet ta' *resurfacing* fi Triq Annibale Preca li qed isiru minn IM. Is-Sindku qal li avviċinah resident minn Ħal Lija u nfurmah li l-*connections* il-ġodda tad-drenaġġ li qed jgħaddu x'aktarx se jitqabbad mal-*main* ta' Triq il-Kbira, Ħal Balzan.

10.4.5.2 Is-Sindku talab lis-SE biex tibgħat lill-IM, *Drainage Department* u l-Kunsill Lokali Ħal Lija biex nistaqsu dwar dan għax jekk huwa l-każ, se jispiċċa jfur għax żgur li mhux se jlaħħaq mal-volum.

10.4.6.1 Tħawwil ta' siġar fi Triq l-Imdina

Is-Sindku infurma lill-Kunsill lis-siġar ġew imħawwla. Dwar it-tisqija, is-Sindku qal li bl-approvazzjoni tal-Inġ. Fredrick Azzopardi (IM), sar ftehim għas-servizz ta' tisqija u manutenzjoni għal 3 snin mal-kumpanija li nxtraw is-siġar minn għandha. Din l-ispiża ser tiġi ffinanzjata minn IM.

10.4.6.2 Apparti minn hekk, is-Sindku qal li rnexxielu jagħmel ftehim għal sena għas-servizz ta' tisqija u manutenzjoni tas-siġar li tħawwlu mill-Kunsill fi Triq il-Ferrovija l-Qadima. Din l-ispiża wkoll ser tiġi ffinanzjata minn IM.

10.4.7.1 *Parking* fuq il-bankina quddiem Kola Store

Is-Sindku infurma li ltaqa' mas-Sindku preċedenti u mal-Avukat Farrugia rigward din il-kwistjoni. Is-Sindku ġie nfurmat li meta saret il-bankina meta sar il-proġett tal-pjazza, kien hemm diversi lmenti peress li bil-bankina tnaqqas il-parkeġġ. Is-Sindku preċedenti kkonfermalu li kienet saret ittra fejn kienet ħarġet approvazzjoni minn TM li jistaw isiru 2 *parking bays* fit-tarf tal-bankina (iħarsu lejn Triq Idmejda) bil-kundizzjoni li titħalla distanza ta' 1.2m bejn il-*parking bays* u l-bini.

10.4.7.2 L-ittra ta' approvazzjoni ma nstabitx fil-*file* u għalhekk il-Kunsill qabel li napplikaw formalment ma' TM u nindikawlhom li diġà kien ħareġ permess qabel. Kif joħroġ il-permess, jinżebgħu il-*parking bays*.

**F'dan il-ħin (4.38pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fis-4.40pm.**

10.4.8 Talba għal permess – *Timed Parking*

Is-Sindku infurma li operatur ta' stabiliment f'Ħal Balzan qed jitlob li jinħariġlu permess biex ikun jista' jipparkja fiż-żona tat-*Timed Parking except for residents*. Din it-talba ma ġietx approvata.

10.4.9.1 Wied Ħal Balzan

Is-Sindku infurma li l-*bus stop* li kien hemm quddiem il-Lombard Bank ma sarx. Is-SE qalet li IM diġà ġew infurmati biex dan jerġa' jsir.

10.4.9.2 Is-Sindku talab li nerġgħu napplikaw biex issir *speed camera* fi Triq il-Wied, għax issa li tlestiet it-triq, is-sitwazzjoni hija gravi ħafna b'vetturi jgħaddu b'veloċità eċċessiva.

10.4.10.1 *One-Way* fi Triq San Franġisk

Is-Sindku ssuġġerixxa li parti minn Triq San Franġisk (bejn Triq il-Ferrovija l-Qadima u Triq Patri Ġużè Delia) ssir *one-way* li tipprojbixxi vetturi jidħlu minn Triq il-Ferrovija l-Qadima. Dan għaliex hemm periklu kbir meta tkun dieħel għal Triq San Franġisk għax ma tarax il-vetturi li jkunu ġejjin.

10.4.10.2 Il-Kunsill unanimament approva li napplikaw għal permess ma' TM.

10.4.11.1 Tisbiħ tal-*playing field*

Is-Sindku infurma li qed jidħlu numru ta' ilmenti li l-*playing field,* kif kulħadd jaf, jinsab fi stat diżastruż, u li jekk ser nistennew il-proġett tal-*underground parking,* se jieħu s-snin biex jiġi irranġat. Ser jiġi ċċekkjat jekk hemmx xi fondi li nistgħu napplikaw għalihom biex nirranġaw il-*playing field*.

10.4.11.2 Għalhekk l-aħjar opzjoni hi li jsir il-proġett ta' tisbiħ tal-playing field u l-bini tal-latrina, kif kien maqbul f'laqgħat preċedenti, mingħajr ma jsir l-*underground parking.* Is-Sindku qal li nistgħu nagħmlu xi *murals* mal-ħitan ukoll. Is-Sindku qal ukoll li minħabba l-problema ta' *parking*, ser nibqgħu ninsistu biex l-għalqa ta'

Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina tiġi devoluta lill-Kunsill u tinbidel f'parkeġġ kontrollat. Dwar dan ser issir laqgħa mal-Onor. Dott. Ian Borg.

10.4.11.3 Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma' dan. Is-Sindku ser ikellem lill-Perit biex jaħdem fuq il-pjanti.

10.4.12 ***Fire Safety Class***

Il-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef infurma lill-Kunsill lis-sessjoni tal-*Fire Safety* qed tiġi ppjanata li ssir fid-9 ta' Frar 2020, jew il-ġimgħa ta' wara. Din is-sessjoni ser tiġi offruta b'xejn mis-St. John Ambulance wara li ġie organizzat il-kors tal-*Fisrt Aid.*

## 10.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

10.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 10.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

10.6.1 L-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Mark Debono kien preżenti biex jippreżenta d-dokumenti u jagħti xi spjegazzjonijiet u jirrispondi xi mistoqsijiet li jkollhom il-Kunsilliera.

10.6.2.1 Estimi Finanzjarji 2020

L-Estimi Finanzjarji għas-sena 2020, kif approvati fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill tqiegħdu fuq il-mejda tal-Kunsill fil-*format* skont ir-regolamenti finanzjarji. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

10.6.2.2 Kif ġie approvat fil-laqgħa li għaddiet, l-*accountant* ser jikteb lid-DGL biex nitolbu għal aktar fondi.

10.6.2.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano, li kien issekondat mill-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef, l-Estimi Finanzjarji 2020 ġew approvati unanimament.

10.6.3.1 Rapport Finanzjarju għar-raba' kwart minn Jannar sa Diċembru 2019

Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għar-raba' kwart li jkopri l-perjodu minn Jannar sa Diċembru 2019. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

10.6.3.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef, li kien issekondat mill- Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

10.6.4.1 Rapport Finanzjarju għas-sena 2019

Is-SE qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2019. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa . L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

10.6.4.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef, li kien issekondat mill- Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 10.7 *Performance Bonus* għas-sena 2019 lis-Segretarju Eżekuttiv u l-Ħaddiema Klerikali

10.7.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-*performance* għas-sena 2019 tas-SE u l-ħaddiema klerikali. Is-SE irrakkomandat li, l-ħaddiema klerikali jingħataw il-massimu ta' 6%.

10.7.2 Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tal-Uffiċjal Eżekuttiv. Il-Kunsill unanimament approva *performance bonus* massimu ta' 6% tas-salarju.

10.7.3 Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tal-iskrivan. Il-Kunsill unanimament approva *performance bonus* massimu ta' 6% tas-salarju.

10.7.4 Is-SE ġiet infurmata li m'hemmx bżonn toħroġ mill-kamra. Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tas-SE fil-preżenza tagħha. Il-Kunsill unanimament approva *performance bonus* massimu ta' 10% tas-salarju.

## 10.8 Proġett ta' *Traffic Island* fi Triq il-Qarċilla

10.8.1 Is-SE qiegħdet fuq il-mejda l-abbozz ta' pjanti li ġew preparati mill-perit tal-Kunsill.

10.8.2 Is-Sindku ta xi spjegazzjonijiet, fejn irrimarka li kif ġie preżentata, kienet ser tinħoloq problema fit-*traffic flow.* Il-Perit ġie infurmat b'dan u qed jaħdem biex isiru xi emendi fil-pjanta u ser jiġi ppreżentati fil-laqgħa li jmiss.

## 10.9 *Bring-in-Site*, Wesgħa Profs. Ġużè' Aquilina

10.9.1 Ġiet innutata r-risposta għad-deċiżjoni tal-Kunsill mibgħuta minn Dar Merħba Bik.

10.9.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-bankina ta' wara l-kontenituri l-ġodda titwessa u tiġi l-istess wiesgħa tul il-kontenituri kollha. B'hekk ikun hemm l-istess distanza bejn il-kontenituri u l-ħajt. Il-Kunsill irrimarka li l-kontenituri mhux ser jitneħħew jew jiċċaqalqu.

## 10.10 Għalqa tal-*Joint Office* f'Wesgħa Profs. Ġużè Aquilina

10.10.1 Kif intqal aktar qabel f'din il-laqgħa, se ssir laqgħa mal-Onor. Dott. Ian Borg biex għal darb'oħra nitlobu biex l-għalqa tiġi devoluta lill-Kunsill biex din titnaddaf u tinbidel f'parkeġġ kontrollat.

## 10.11 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

10.11.1 <u>Kwotazzjonijiet għal *folding door*</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjonijiet għax-xiri ta' *folding door* għas-sala fejn isiru l-laqgħat tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nitolbu disinn ta' kif ġej il-bieb lill-żewġ kumpaniji li kkwotaw l-irħas żewġ offerti (*5 leaf door*). Id-disinn ser jintbagħat permezz tal-*email* lill-Kunsilliera biex tittieħed deċiżjoni minnufih.

10.11.2 <u>Kwotazzjonijiet għall-kiri ta' trasport</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjonijiet għall-kiri ta' *coaches* u *mini buses* għall-ħarġiet li jiġu organizzati mill-Kunsill. Il-Kunsill unanimament approva l-irħas offerta ta' Paramount Coaches.

10.11.3.1 <u>Proposta għal Triq San Valentin</u>
Id-disinn propost mir-resident biex isiru xi emendi fil-bankina fi Triq San Valentin k/m Idmejda għaddha għand il-Perit tal-Kunsill. Il-Perit qal li mad-daqqa t'għajn jidher illi kieku l-bankini kellhom isiru skont kif indikat fid-disinn, ikun hemm problema biex iduru l-vetturi kbar, bħal tal-ġbir tal-iskart. Qal ukoll li bħala kunċett jagħmel sens, però ma jaħsibx li huwa prattiku. Il-Perit qal li jkun jista' jindika tistax issir jew le, wara li jittieħed survey taż-żona. Il-Perit qal ukoll li l-Kunsill jista' jipprova jagħmel xi tip ta' żebgħa mal-art minflok ikabbar il-bankini eżistenti, bħala esperiment biex jara jekk tkunx effettiva.

10.11.3.2 Il-Kunsill irrimarka li żebgħa mal-art ma tkunx effettiva għax ma jagħtux kasha. Ir-resident ser jiġi infurmat li jekk isiru l-emendi fil-bankini skont kif propost minnhu, ser ikun hemm problema biex iduru vetturi kbar. U għalhekk, il-Kunsill qed jagħti l-opzjoni li ssir l-i*sleeping policeman* lir-resident kien talab u li l-Kunsill kien diġà approva.

10.11.4 <u>Talba biex titneħħa *sleeping policeman*</u>
Fuq proposta tal-Kunsillier Mary Louise Briffa, il-Kunsill unanimament approva li titneħħa l-i*sleeping policeman* li hemm fi Triq Ġużè' Bonnici k/m Triq Dun Spir Sammut.

10.11.5.1 <u>*Claim No.* 01/2020</u>
Resident qed jitlob kumpens għal ħsara li ġarrab fil-vettura (2 *tyres* tan-naħa tax-xellug), meta kien għaddej minn Vjal il-Bon Pastur, fl-24/12/2019, minħabba li kien hemm ħofra. Din il-ħsara tammonta għal €530.

10.11.5.2 Il-Kunsill iddiskuta u rrimarka li l-ħofra kienet viċin *Stop Sign,* u għalhekk suppost li tnaqqas il-veloċità biex tieqaf. Jidher biċ-ċar li l-vettura kienet għaddejja b'veloċità biex qasam 2 *tyres*. Dan għaliex, normalment, jekk taqsam *tyre* b'konsegwenza ta' ħofra*,* tieqaf mill-ewwel u mhux tibqa' ssuq u taqsam it-tieni *tyre*.

10.11.5.3 F'dan ir-rigward, il-Kunsill approva li jirrifondi l-ispiża ta' *tyre* wieħed biss.

10.11.6 ***Street art permission***
Ġiet innutata *email* mibgħuta minn NGO bl-isem ta' Green House. Il-Kunsill identifika l-ħajt tal-Kunvent f' Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina li jista' jintuża biex ipinġu *murals* fuqu. Qabel ma dan jiġi kkomunikat mal-NGO, ser jintalab permess mis-sid jekk jaċċettawx li jsiru *murals* mal-ħajt tagħhom.

**F'dan il-ħin (5.45pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fis-5.50pm.**

10.11.7.1 Bankina fi Vjal il-Bon Pastur k/m Triq il-Ferrovija l-Qadima
Resident qed jitlob li tinbena bankina temporanja taħt il-*boundary wall* li nbena (mill-kuntrattur) madwar sit ta' kostruzzjoni fi Vjal il-Bon Pastur k/m Triq il-Ferrovija l-Qadima. Is-SE infurmat li biex tinbena l-bankina temporanja, jridu jitneħħew 4 *parking bays* u *MC Bay*.

10.11.7.2 Il-Kunsill m'approvax din it-talba għax f'dik iż-żona diġà hemm problema ta' *parking,* aħseb u ara jekk jitneħħew 4 *parking bays* u *MC Bay*. Il-Kunsill irrimarka li hemm bankina faċċata, u li faċilment tista' timxi minn fuqha.

## 10.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

10.12.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 01/20, li tinkludi l-ammont ta' €123.13c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Diċembru 2019.

10.12.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

10.12.3 Minħabba kunflitt ta' interess dirett, il-Kunsillier Mary Louise Briffa assentat ruħha mill-approvazzjoni tal-pagament taċ-ċekk nru. 9721 peress li, hi flimkien mar-raġel tagħha huma l-proprjetarji l-uffiċċju tal-Kunsill.

## 10.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

10.13.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.55pm.

10.13.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 18 ta' Frar 2020 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 18 ta' Frar 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nutar Ian Spiteri | Doriette Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |